# QORTI KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Att ta' Akkuża Numru 36/2024/1**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs.**

**Wayne Grima**

Illum 25 ta' Frar 2025

Il-Qorti,

1. Rat l-Att ta' Akkuża kontra l-akkużat **Wayne Grima**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 143183(M), li bih huwa ġie akkużat mill-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta bis-segwenti:

**L-Ewwel (1) Kap**
**Assoċjazzjoni f'bejgħ jew traffikar ta' raża meħuda mill-pjanta *Cannabis***

Talli nhar it-tnejn u għoxrin (22) jum mix-xahar ta' Novembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) u fil-ġranet ta' qabel, ġewwa l-Gżejjer Maltin, assoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn dawn il-Gżejjer sabiex ibiegħ jew jitraffika f'dawn il-Gżejjer mediċina (raża meħuda mill-pjanta *Cannabis*), bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 u tar-Regoli għall-Kontroll Intern Fuq id-Drogi Perikolużi, il-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 tal-Liġijiet ta' Malta, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja tali assoċjazzjoni, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorità mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga li ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skont riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija.

<u>It-Tieni (2) Kap</u>
<u>Pussess aggravat tar-raża meħuda mill-pjanta *Cannabis*</u>

Talli nhar it-tnejn u għoxrin (22) jum mix-xahar ta' Novembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) u fil-ġranet ta' qabel, ġewwa l-Gżejjer Maltin, kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta *Cannabis* meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra

**awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 jew b'xi awtorità mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga li ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skont riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u taħt tali ċirkosanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu.**

2. Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet tal-akkużat Wayne Grima, flimkien mal-Lista tax-Xhieda u l-Lista ta' Dokumenti ppreżentati fis-27 ta' Awwissu 2024.[1]

3. Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali ppreżentata fis-27 ta' Settembru 2024[2] għan-Nota ta' Eċċezzjonijiet tal-akkużat Wayne Grima.

4. Rat l-atti proċesswali kollha, inkluż l-atti tal-kumpilazzjoni sabiex tindaga dwar l-eċċezzjonijiet li jridu jiġu deċiżi.

5. Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

**<u>L-Ewwel Eċċezzjoni</u>**

6. Illi fl-ewwel eċċezzjoni tiegħu, l-akkużat jisħaq li din il-Qorti għandha tordna l-isfilz tas-sustanza eżebita u dan flimkien mad-depożizzjonijiet u r-relazzjonijiet tax-Xjenzat Godwin Sammut flimkien ma' kull depożizzjoni u rapport ta' esperti u xiehda relatati magħha direttament jew indirettament minħabba li s-sustanza in kwistjoni ġiet eżaminata f'laboratorju mhux akkreditat

[1] *A fol.* 11 *et seq.*
[2] *A fol.* 35 *et seq.*

u minn persuna mhux akkreditata u jargumenta li dan huwa bi ksur tad-drittijiet tiegħu.

7. Illi rigward l-ewwel eċċezzjoni, fir-Risposta tiegħu l-Avukat Ġenerali jagħmel riferenza għal Regolament 8 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 460.31 tal-Liġijiet ta' Malta u jisħaq li dan japplika biss fir-rigward ta' testijiet tal-profil tad-DNA u d-data dattiloskopika. Jisħaq ukoll li t-testijiet ikkontestati seħħew qabel id-dħul fis-seħħ tal-Leġislazzjoni Sussidjarja in kwistjoni u li għalhekk, skont hu, il-kwistjoni jekk il-laboratorju jew jekk l-espert humiex akkreditati *o meno* ma tistax tiġi meqjusa u dan għaliex Regolament 8(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja huwa ċar.

8. Illi rigward il-bżonn ta' laboratorju akkreditat sabiex jagħmel it-testijiet sabiex jiddetermina jekk sustanza li tista' tinstab hijiex waħda projbita taħt il-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-28 ta' Lulju 2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Theresa Agius** (Numru 524/2013) fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) qalet hekk:

> "Illi l-Artikolu 3 tal-Liġi Sussidjarja 460.31 jispeċifika b'mod ċar l-għan wara l-Liġi Sussidjarja:–
>
> > **"Dan l-Ordni jimplimenta d-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/905/ĠAI tat-30 ta' Novembru 2009 dwar l-Akkreditament tal-Fornituri ta' Servizzi Forensiċi li jwettqu Attivitajiet tal-Laboratorji u għandu japplika għal attivitajiet tal-laboratorji li jirriżultaw fi:**
> >
> > **(a) profil tad-DNA; u**
> >
> > **(b) data dattiloskopika**".
>
> Illi, l-istess Liġi Sussidjarja, kif intqal aktar 'il fuq ġiet trasposta mid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill Ewropew fuq imsemmija, fejn l-oġġettivi ta' l-istess jistabbilixxu li dan

il-qafas regolatorju għandu jkopri unikament ***"DNA profiles and dactyloscopic data"*** **għaliex l-istess** ***"are not only used in criminal proceedings but are also crucial for the identification of victims, particularly after disasters"***. Dan għaliex ***(8) Pursuant to Article 7(4) of Council Decision 2008/616/JHA of 23 June 2008 on the implementation of Decision 2008/615/JHA on the stepping up of crossborder cooperation, particularly in combating terrorism and cross-border crime, Member States shall take the necessary measures to guarantee the integrity of DNA profiles made available or sent for comparison to other Member States and to ensure that these measures comply with international standards, such as EN ISO/IEC 17025 'General requirements for the competence of testing and calibration laboratories' (hereinafter 'EN ISO/IEC 17025')***. Jikkonsegwi għalhekk li l-akkreditar huwa meħtieġ <u>biss</u> għat-teħid tal-impronti tas-swaba' u l-elevazzjoni tat-traċċi ta' DNA u xejn aktar.

Illi huwa minnu ukoll li b'referenza għall-istandards EN ISO/IEC 17025, l-Artikolu 4 tal-LS 460.31 jistipola li –

> **"L-għan ta' dan l-Ordni huwa sabiex:**
>
> **(a) jiġi żgurat li r-riżultati tal-attivitajiet tal-laboratorji mwettqa minn forrnituri ta' servizzi forensiċi akkreditati fi Stati Membri oħrajn tal-Unjoni Ewropea jiġu rikonoxxuti mill-awtoritajiet Maltin responsabbli għall-prevenzjoni, il-kxif u l-investigazzjoni ta' reati kriminali bħala ugwalment affidabbli daqs ir-riżultati tal-attivitajiet tal-laboratorji mwettqin minn forniturita' servizzi forensiċi domestiċi akkreditati għall-ENISO/IEC 17025;**
>
> **(b) li jiġi żgurat li forrnituri ta' servizzi forensiċi li jwettqu attivitajiet tal-laboratorji**

**f'Malta jiġu akkreditati b'konformita' mal-EN ISO/IEC 17025".**

Illi din l-Qorti tisħaq li dan kollu għandu jittieħed fil-kuntest tal-Qafas u ta' dak li speċifikament l-istess qed jirregola. Di fatti l-Qafas jispjega li:–

**"That objective is to be achieved by preventing and combating crime through closer cooperation between law enforcement authorities in the Member States, while respecting the principles and rules relating to human rights, fundamental freedoms and the rule of law on which the Union is founded and which are common to the Member States."**

Dan ifisser illi l-għan wara id-Deċiżjoni Kwadru huwa illi jkun hemm koperazzjoni aktar mill-qrib bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fl-Istati Membri fil-ġlieda kontra l-kriminalita' u dan billi fl-iskambju ta' informazzjoni dwar attivitajiet kriminali, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jkunu jistgħu jipprevjenu, jikxfu u jinvestigaw b'suċċess attivitajiet kriminali bil-ħtieġa allura li jkunu stabbiliti *standards* komuni għal fornituri ta' servizzi forensiċi. Mhuwiex l-għan wara din il-liġi illi tistabbilixxi regoli ġodda dwar l-ammissibbilta' ta' evidenza jew il-valur probatorju ta' l-istess kif speċifikat fl-artikolu 5 tad-Deċiżjoni Qafas innifisha fejn jingħad ċar u tond illi: **"Din id-Deċiżjoni Qafas ma taffettwax ir-regoli nazzjonali dwar il-valutazzjoni ġudizzjarja tal-evidenza,"** bil-Preambolu 16 jispeċifika fl-għanijiet tad-Deċiżjoni Kwadru illi:

***<u>This Framework Decision does not aim to harmonise national rules regarding the judicial assessment of forensic evidence</u>***

Illi għaldaqstant huwa ormai pależi li din il-liġi tapplika <u>esklussivament</u> għall-attivitajiet tal-laboratorji li jirriżultaw fi (a) profil ta' DNA u (b) data dattiloskopika u mhux analiżi ta' droga, u dan kif imfisser fir-Regolament 3 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 460.31, aktar 'il fuq iċċitat. *In oltre*, l-għan wara l-liġi hija li jkun hemm *standards* fir-rigward tal-attivita' fil-laboratorji forensiċi fl-Istati Membri li jkunu uniformi u mhux li b'xi mod ikun hemm indħil fil-mod kif l-awtoritajiet ġudizzjarji ta' kull Stat Membru jivvalutaw ġudizzjarjament l-evidenza. Kwindi ma għandux ifisser illi għaliex l-analiżi forensika tad-droga ma tkunx saret f'laboratorju awtomatikament dik l-analiżi hija nieqsa minn valur probatorju jew hija difettuża, kwistjoni li trid tiġi determinata biss mill-evidenza u mhux għaliex ma l-laboratorju ma jkunx wieħed akkreditat."

9. Illi din il-Qorti tagħmel tagħha dak hawn fuq appena ċitat bħala konsegwenza ta' liema l-ewwel eċċezzjoni mressqa mill-akkużat qed tiġi miċħuda.

**<u>It-Tieni Eċċezzjoni</u>**

10. Illi fit-tieni eċċezzjoni l-akkużat jisħaq li din il-Qorti għandha tordna l-isfilz tal-kopja legali tal-*Proces Verbal* bin-numru 862/16 (*a fol.* 69 *et seq.*) redatt mill-Maġistrat Dr. Marse-Ann Farrugia u dana peress li jargumenta li ma hemmx indikat min eżebieh u li anqas ġie eżebiet taħt ġurament kif titlob il-proċedura legali.

11. Illi rigward it-tieni eċċezzjoni, fir-Risposta tiegħu l-Avukat Ġenerali jargumenta li *Proces Verbal* bin-numru 862/16 ma jiffurmax parti mill-atti proċesswali ta' dan il-każ u li konsegwentement l-eċċezzjoni msemmija hija nulla.

12. Illi din il-Qorti tinnota li fl-eċċezzjoni hekk kif imressqa l-akkużat jikkwota numru b'ieħor fir-rigward tal-*Proces Verbal*. In fatti huwa ċar li l-akkużat ried jagħmel riferenza għal *Process Verbal* bin-numru 862/14 u mhux għal dak bin-numru 862/16.

Din il-Qorti tqies dan l-iżball bħala *lapsus calami* u b'hekk hija ser tqis l-eċċezzjoni in eżami fir-rigward tal-*Proces Verbal* bin-numru 862/2014.

13. Illi din il-Qorti tinnota li mhuwiex minnu dak li jgħid l-akkużat fl-eċċezzjoni in eżami meta jgħid li ma hemmx indikat min eżebixxa l-kopja legali tal-*Proces Verbal* in kwistjoni u dana peress li mill-verbal tas-seduta miżmuma fit-3 ta' Marzu 2015 (*a fol.* 69) quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja hemm imniżżel b'mod speċifiku li d-Deputat Reġistratur tal-Qorti kienet qed teżebixxi l-kopja legali tal-*Proces Verbal*. Għal kull buon jingħad li f'dan il-każ ma hemmx il-ħtieġa li l-kopja legali tal-*Proces Verbal* ikun eżebiet bil-ġurament kif imsemmi fl-eċċezzjoni *per se* u dana apparti l-fatt li mill-paġni tal-kopja legali jirriżulta li huma ġew awtentikati mid-Deputat Reġistratur li ffirmat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' Marzu 2015.

14. Illi, apparti dak li ngħad hawn fuq, din il-Qorti tqis li dak li qed jikkontesta l-akkużat fl-eċċezzjoni in eżami huwa l-valur probatorju tal-prova minkejja li jitlob li titneħħa mill-atti proċesswali. Biex prova titqies inammissibbli jrid jkun hemm liġi li tiddikjara l-inammissibbilta' ta' tali prova. Din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-22 ta' Novembru 2023 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Clayton Azzopardi** (Numru 28/2022) fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) qalet hekk:

> "46. Illi qabel kull konsiderazzjoni dwar l-aggravju imressaq mill-appellant, il-Qorti terġa ttenni illi hemm distinzjoni bejn l-ammissibbilita' tal-evidenza u l-valur probatorju tagħha. Illi għalhekk huwa biss fil-kors taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri illi jista' jkun stabbilit il-metodu kif l-marki tas-swaba kienu elevati, ippreservati u eżaminati u dan meta jixhdu l-esperti nominati, kemm fl-inkjesta kif ukoll fl-istruttorja, sabiex jagħmlu dan ix-xogħol. Ma tistax l-Qorti tiskarta evidenza *a priori* li hija rilevanti u ammissibbli. Issa jekk kienx hemm xi ksur fil-katina tal-evidenza, jekk dik l-evidenza setatx kienet

ikkontaminata, jekk l-konklużjonijiet milħuqa mill-esperti humiex fjakki u dubbjużi, hija kwistjoni ta' fatt li għandha tkun stabbilita unikament fil-kors tal-ġuri meta tibda' tinstema x-xiehda f'dan il-każ. Illi allura jekk l-konklużjonijiet milħuqa mill-esperti ma hijiex b'saħħitha biżżejjed għaliex mittiefsa minn xi difett fil-ġbir, preservazzjoni jew eżami tagħha, allura titlef mill-valur probatorju u jkun perikoluż illi min hu imsejjaħ biex jiġġudika l-fatti jistrieħ fuqha sabiex isejjes id-deċiżjoni tiegħu."

15. Illi riferenza għandha ssir ukoll għas-sentenza mogħtija fl-24 ta' Jannar 2024 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Darren Mizzi** (Numru 21/2022) fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) saħqet is-segwenti:

> "54. Illi kif tajjeb ikkonkludiet il-Qorti Kriminali fis-sentenza appellata:
>
> > "114. Din il-Qorti tista' biss tiddikjara inammissibbli dawk il-provi li hija l-Liġi stess li teskludi l-produċibilita' tagħhom. Dan mhux il-każ hawnhekk. F'dan il-punt jekk il-ġurati jemmnux lil Dr. Godwin Sammut u lil Dr. Marisa Cassar dwar min irċieva xiex u meta, hija kwistjoni ta' fatt rimessa lil ġurati. Huma l-ġurati li jridu jikkonkludu, wara li jisimgħu ix-xiehda tal-esperti Dr. Marisa Cassar u Godwin Sammut li jiddeċiedu fattwalment fuq il-prinċipju tal-kontinwita' tal-evidenza daqskemm fuq l-analiżi mwettqa mill-esperti relattivi u l-validita' tar-riżultanzi tagħhom."
>
> Għal dawn il-motivi dan l-aggravju ukoll qed ikun miċħud."

16. Illi b'konsegwenza ta' dak kollu li ngħad hawn fuq fir-rigward tal-eċċezzjoni in eżami jirriżulta li anke din l-eċċezzjoni ser tiġi miċħuda.

**<u>It-Tielet Eċċezzjoni</u>**

17. Illi fit-tielet eċċezzjoni tiegħu l-akkużat jeċċepixxi n-nullita' tal-Ewwel Kap tal-Att ta' Akkuża minħabba li jargumenta li l-persuna li allegatament assoċja ruħu magħha hu (ossia Tony Curmi) ġie dikjarat mhux ħati permezz ta' sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fis-17 ta' Settembru 2021.

18. Illi rigward din l-eċċezzjoni, fir-Risposta tiegħu l-Avukat Ġenerali jisħaq li l-punti ta' fatt jiġu deċiżi mill-ġurati. Jisħaq li l-ewwel Kap tal-Att tal-Akkuża huwa magħmul regolarment skont id-dettami ta' Artikolu 589 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

19. Illi din il-Qorti taqbel ma' dak li jgħid l-Avukat Ġenerali rigward li kwistjonijiet ta' fatt għandhom jiġu deċiżi mill-ġurati. Din il-Qorti tirrimarka li dak li qed jitlob l-akkużat huwa li l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuża jiġi dikjarat null minħabba li l-persuna li kien allegatament assoċja ruħu magħha ġie dikjarat mhux ħati. Din il-Qorti tinnota li sabiex tara jekk dan huwiex minnu, jkollha tagħmel evalwazzjoni tal-fatti u tal-provi. F'dan l-istadju tal-proċess tali evalwazzjoni ma tistax issir minn din il-Qorti minħabba li tali evalwazzjoni tispetta lill-ġurati b'dan illi jekk eventwalment il-Prosekuzzjoni ma tipprovax il-fatti minnha allegati jikkonsegwi li l-ġurati ma jsibux lill-akkużat ħati.

20. Illi b'hekk isegwi li anke t-tielet eċċezzjoni ser tiġi miċħuda wkoll.

**<u>Ir-Raba' Eċċezzjoni</u>**

21. Illi fir-raba' eċċezzjoni l-akkużat jirriżerva d-dritt li jressaq kawża kostituzzjonali minħabba li d-drittijiet fundamentali tiegħu ġew miksura meta minkejja li għamel Stqarrija Ġuramentata kontra Tony Curmi, huwa ġie prekluż milli jixhed f'dawk il-

proċeduri u dana peress li huwa ma kienx xhud ammissibbli minħabba li l-proċeduri tiegħu kienu għadhom pendenti.

22. Illi fir-Risposta tiegħu, l-Avukat Ġenerali jisħaq li din il-Qorti ma għandhiex kompetenza li tiddeċiedi eċċezzjonijiet ta' natura kostituzzjonali u li għalhekk dan mhux il-*forum* opportun għal tali eċċezzjoni.

23. Illi dwar dak imsemmi mill-akkużat f'dik li tidher li hija r-raba' eċċezzjoni, din il-Qorti tinnota li hija fl-ebda mument ma hija ser twaqqaf lill-akkużat milli jipproċedi quddiem Qrati oħra sabiex dak imsemmi minnu fl-istess eċċezzjoni jiġi meqjus. Għal kull buon fini jingħad ukoll li din il-Qorti ma għandhiex kompetenza kostituzzjonali tistħarreġ il-mertu tal-eċċezzjoni in eżami. Bħala konsegwenza ta' dan kollu, din il-Qorti ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tar-raba' eċċezzjoni tal-akkużat.

**Decide**

24. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tar-raba' eċċezzjoni tal-akkużat, tiċħad l-eċċezzjonijiet l-oħra tiegħu.

25. Finalment, din il-Qorti tħalli l-kawża *sine die* sakemm ikun magħruf l-eżitu ta' xi appell eventwali li jista' jitressaq skont il-liġi.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**